IN-NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU.09 - L-ERBGĦA 19 TA' FRAR 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dott. Christopher Deguara | Sindku |
| | Joseph Spiteri | Viċi Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Godwin Grech | Kunsillier |
| | Andre' Muscat | Kunsillier |
| | Matthew Vella | Kunsillier |
| | Louis Camilleri | Kunsillier |
| Uffiċjali Preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Assistent Prinċipal |

**Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa live fuq il-paġna ta' Facebook.**

**Il-Kunsill qabel li jibdel l-ordni tal-aġenda skont l-ordni li qed jidhru f'dawn il-minuti.**

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

1.1. Kulħadd kien preżenti u għalhekk ma kienx hemm apoloġiji.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI;**

2.1. Il-Kunsill approva l-minuti ta' laqgħa nr.8 fuq proposta tal-Kunsillier Muscat ssekondat mill-Kunsillier Gatt.

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU;

3.1. Is-Sindku ressaq il-kommunikazzjoni tiegħu kif ġej:

3.1.1. Is-Sindku fakkar li fit-23 ta' Jannar ġiet deċiża PA 3632/09, żvilupp bejn Triq Manuel Magri, Triq it- Tin, Triq Censu Muscat. Il-Kunsill ivvota kontra dan l-iżvilupp wara li sema' l-preokupazzjonijiet tar-residenti.

3.1.2. Fit-23 ta' Jannar ukoll saret laqgħa tas-Satellite Group taż-żona tas-Simblija.

3.1.3. Fl-24 ta' Jannar saret il-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana.

3.1.4. Fis-27 ta' Jannar saret laqgħa mal-aġenzija TZRA dwar bajja f'Baħar iċ-Ċagħaq (viċin tal-ġelat). TZRA ipproponiet riġenerazzjoni għal din iż-żona. Se nkunu qed nikkomunikaw ma' IM biex nikkordinaw aktar xogħol.

3.1.5. Fit-28 ta' Jannar saret laqgħa mal-Community Police.

3.1.6. Fit-28 ta' Jannar ukoll saret il-laqgħa tas-satellite group ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

3.1.7. Fid-29 ta' Jannar saret it-tnedija ta' Vjal Kullħadd. Il-Kunsill tan-Naxxar ingħata wieħed mill-ewwel disa' proġetti li se jkunu qed jitwettqu minn IM. Dan huwa proġett għal Triq John Adye.

3.1.8. Fl-1 ta' Frar saret is-serata Talent Żagħżugħ imtella' mill-każin tal-banda Vittorja. Is-Sindku feraħ lil kull min ta sehmu f'din l-attività li kienet ta' suċċess.

3.1.9. Fl-4 ta' Frar saret laqgħa mal-każini tal-baned u l-għaqdiet tan-nar dwar *policy* li se tkun diskuss iktar tard waqt din il-laqgħa.

3.1.10. Fis- 7 ta' Frar ttellgħet l-attività ta' Jum in-Naxxar. Is-Sindku irringrazzja lil kull min ta sehmu biex din l-attività kienet suċċess, speċjalment lil-Kunsillieri; Andrè Muscat, Pierre Sciberras, Matthew Vella u Louis Camilleri. Is-Sindku feraħ lil kull min ha rikonoxximent.

3.1.11. Fil-11 ta' Frar sar l-iffirmar ta' kuntratt mal-GAL Majjistral biex il-Kunsill jikseb fondi għal manutenzjoni tal-ġonna.

3.1.12. Fil-11 ta' Frar sar ukoll *interview* għal post ta' skrivan/a. L-*interviews* se jkomplu fil-ġranet li ġejjin.

3.1.13. Fit-12 ta' Frar saret il-laqgħa tas-sottokumitat talbiet u ilmenti.

3.1.14. Fit-12 ta' Frar ukoll il-Kunsill ġie nfurmat minn IM li se jibda l-proċess biex issir Triq is-Seneskalk.

3.1.15. Fil-14 ta' Frar is-Sindku ltaqa' mal-Australian High Commissioner.

3.1.16. Fis-17 ta' Frar saret laqgħa mal-periti tal-FTS u l-periti tagħhom dwar il-binja tal-iskola primarja. Is-Sindku informa li fil-ġimgħat li ġejjin se ssir laqgħa mal-*project manager*s tal-proġett.

3.1.17. Fis-17 ta' Frar saret laqgħa man-Naxxar Lions dwar proposti ta' attivitajiet għas-sajf.

3.1.18. Fit-18 ta' Frar saret laqgħa mal-kumpanija li tirrapreżenta l-Liquigas dwar proposta ta' *drop off points* minn fejn jista' jinxtara l-gas.

3.1.19. Fid-19 ta' Frar il-Kunsill ġie nfurmat minn Jobsplus li l-vakanza għal post ta' skrivan/a tista' tkun reklamata għal-pubbliku.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;

4.1. Il-Kunsillier Pierre Sciberras staqsa lis-Sindku:

*Kemm kien hemm suġġerimenti/ilmenti li waslu għand l-uffiċċju tal-Kunsill u ġew diskussi mis-sotto kumitat suġġerimenti/ilmenti matul din il-leġislatura?*

*Min dawn is-suġġerimenti/ilmenti kemm kien hemm suġġerimenti/ilmenti mis-sotto kumitat suġġerimenti/ilmenti matul din il-leġislatura li ġew aċċettati mis-sotto kumitat suġġerimenti/ilmenti?*

*Minn dawk is-suġġerimenti/ilmenti li ġew aċċettati, x'inhu il-persentaġġ li l-kunsill esegwixxa?*

4.2. Is-Sindku ċċara li minn numru ta' ilmenti li jidħlu fl-uffiċju tal-Kunsill kuljum huma biss ftit li jkunu jeħtieġu diskussjoni u/jew approvazzjoni mil-Kunsill li jitilgħu quddiem is-sottokumitat talbiet u lmenti. Il-maġġoranza tal-ilmenti jiġu ndirizzati mill-uffiċċju mil-ewwel. Dan fisser li n-numri kwotati f'din ir-risposta huma ferm inqas minn dawk li jirċievi l-kunsill u huma biss dawk li jittellgħu quddiem is-sottokumitat.

4.3. Is-Sindku wieġeb kif ġej;

4.3.1. Suġġerimenti/ilmenti li waslu għand l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u ġew diskussi mis-sotto kumitat suġġerimenti/ilmenti matul din il-leġislatura kien hemm 141.

4.3.2. Minn dawn, is-sottokumitat aċċetta 60. Ma' dawn irrid inżid ukoll 20 oħra li għalkemm ma ġewx aċċettati kif mitluba, s-sottokumitat fehem il-problema u offra soluzzjoni alternattiva (total ta' 80). Għal risposta korretta, minn dawn it-80 irridu nnaqqsu 10 każijiet li qed jitressqu fid-9 laqgħa tal-Kunsill (illum) għall-approvazzjoni u għalhekk azzjoni dwarhom tibda minn wara din il-laqgħa. Għaldaqstant sal-ħin tar-risposta l-ammont li għandu jitqies għall-fini ta' din il-parti tal-mistoqsija huwa 70.

4.3.3. Minn dawn is-70 l-amministrazzjoni għalqet kompletament 36 każ. 28 oħra l-amministrazzjoni qed tistenna risposti, konfermi u approvazzjoni minn entitajiet oħra filwaqt li 6 każijiet se jkunu qed jitressqu mill-ġdid għall-attenzjoni tas-sottokumitat minħabba żviluppi ġodda jew kjarifiki meħtieġa.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI:

### A. SKEDA TAL-PAGAMENTI;

**i)** Il-Kunsillier Sciberras iddikjara li għandu konflitt ta' interess. Huwa ma pparteċipax bl-ebda mod f'din il-parti tal-laqgħa.

**ii)** Il-Kunsill approva dan ir-rapport fuq proposti tal-Kunsillier Deguara ssekondat mill-Kunsillier Camilleri.

### B. SKEDA TA' DĦUL

**i)** Il-Kunsill approva dan ir-rapport fuq proposti tal-Kunsillier Gatt ssekondat mill-Kunsillier Brincat.

C. **SKEDA TA' ORDNIJIET**

**i) Xiri ta' żewġ siġġijiet**
**ii) Xiri ta' laptop ġdid għall-użu tal-amministrazzjoni.**
**iii)** Il-Kunsill approva dan ir-rapport inkluż ix-xiri tas-siġġijiet u l-laptop fuq proposti tal-Kunsillier Cuomo ssekondata mill-Kunsillier Grech.

D. **INFIQ MILL-PETTY CASH**

**i)** Il-Kunsill approva dan ir-rapport fuq proposti tal-Viċi Sindku ssekondat mill-Kunsillier Muscat.

E. **Xiri ta' Sistema ta' Monteraġġ għall-kuntratturi;**
**i)** Il-Kunsill approva dan ir-rapport fuq proposta tas-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Vella.

**6. MINUTI TAL-LAQGĦA TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U L-LMENTI;**

6.1. Il-Kunsill approva dawn il-minuti *nem com*. Ippropona l-kunsillier Sciberras u ssekonda l-Kunsillier Brincat.

**7. APPLIKAZZJONI GĦAL ŻVILUPP – PA 64/25 (BARRIERA TA' TRIQ TAL-LABOUR);**

7.1. Is-Sindku informa li l-Kunsill kien ġie infurmat mir-residenti li kienu nqalgħu is-site notices. Il-Kunsill immedjatament informa lil Planning Authority b'dan. Sal-ħin tal-laqgħa dawn kienu għadhom ma' twaħħlux. Fid-dawl li l-konsultazzjoni tagħlaq fl-20 ta' Frar il-Kunsill talab estensjoni sabiex lil-pubbliku ikun jista' jressqu l-kummenti lill-PA.
7.2. Is-Sindku nforma li bħala Kunsilli diġà ddaħlet rappreżentazzjoni lil PA miktuba fuq il-parir tal-esperti tal-Kunsill.
7.3. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jiddiskuti ma kull min huwa konċernat u kull min se jintlaqat mil-proġett sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni għal-kulħadd.
7.4. Il-Kunsill qabel ukoll li kull ma jkun diskuss jittella quddiem il-Kunsill għad-deċiżjoni finali mill-Kunsill.
7.5. Is-SE iċċara li kif inhu propost il-proġett mhuwiex aċċettabbli għax imur kontra l-policies.

**8. SKEMI:**

8.1. **SKEMA GĦALL-ATTIVITAJIET KULTURALI 2025.2026;**

8.1.1. Is-Sindku nforma li ġew estiżi xi dati tal-għeluq għal din l-iskema.
8.1.2. Is-Sindku esprima x-xewqa li l-Kunsill japplika għall-iskemi kollha.
8.1.3. Inħatar Sottokumitat għal din l-iskema magħmul mis-Sindku, il-Kunsillier Sciberras, il-Kunsillier Muscat, il-Kunsillier Brincat, il-Kunsillier Grech, il-Kunsillier Gatt u l-Kunsillier Camilleri.

8.2. **INIZJATTIVA FINANZJARJA - LOKALITAJIET AKTAR NODFA 2025;**

8.2.1. Inħatar Sottokumitat għal din l-attività li se jkun magħmul mis-Sindku, Viċi Sindku, il-Kunsillier Deguara, Il-Kunsillier Gatt u L-Kunsillier Vella.

8.3. **ESPRESSJONI TA INTERESS - MILIED 2025;**

8.3.1. Inħatar Sottokumitat għal din l-iskema ali se jkun magħmul mis-Sindku, l-Kunsillier Sciberras, il-Kunsillier Muscat, il-Kunsillier

Brincat, il-Kunsillier Grech, il-Kunsillier Gatt u l-Kunsillier Camilleri.

### 9. IL-VANN TAL-KUNSILL – NIDDISPONU MINNU;

9.1. Is-Sindku spjega li l-vann tal-Kunsill li kien jintuża għat-trasport tar-residenti fin-Naxxar jinsab fi stat ħażin u mhux qed jintuża.
9.2. Huwa fakkar li minkejja dan il-Kunsill xorta qed iħallas l-insurance, liċenzja, etc għal dan il-vann. Saru tentattivi biex naraw hemmx il-possibiltà li jinbiegħ iżda ma kien hemm l-ebda rispons. Fakkar li l-vann la għandu arja kondizzjonata u biex wieħed isuqu jrid liċenzja speċjali.
9.3. Il-Kunsill qabel li dan il-vann jiġi skrapjat.

### 10. SEJĦA GĦALL-OFFERTI GĦAS-SERVIZZI TA' HANDYMEN;

10.1. Tressaq id-dokument tal-offerta li kien mibgħut lill-Kunsillieri kollha.
10.2. Is-Sindku fakkar li dan il-kuntratt huwa skadut u għalhekk se joħroġ tender.
10.3. Huwa stieden lil Kunsilliera biex min irrid iżid jew jgħaddi s-suġġerimenti tiegħu.
10.4. Il-Kunsill approva li joħroġ it-tender hekk kif imressaq.

### 11. XOGĦOL ADDIZZJONALI FIX-XOGĦOL TA' MASĠAR IT-TFAL;

11.1. Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed tinħass il-ħtieġa li l-passaġġi f'Masġar it-tfal li jwassluk għall-parti fejn hemm l-apparat tal-logħob jinksew bil-lakstu kulurit. Dan huwa xogħol addizzjonali u mhux parti mill-kuntratt. Huwa fakkar dan ix-xogħol huwa ffinanzjat minn fondi tad-DPF tal-PA u għalhekk, kif il-Kunsill japprova, jgħaddi t-talba lill-PA biex jiżdiedu l-fondi addizzjonali.
11.2. Il-Kunsill approva u qabel li jintużaw kuluri naturali għal-passaġġ.
11.3. Apparti dan il-Kunsill qabel li jitpoġġew erba' stampi fil-passaġġ (tnejn f'kull passaġġ).

### 12. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

12.1. Il-laqgħa ntemmet fis-7.0pm.

12.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 26 ta' Marzu fis-18.00.

| | |
|---|---|
| **DOTT. CHRISTOPHER DEGUARA** | **PAUL GATT** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

**KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR**

13 ta' Frar, 2025

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## AĠENDA Numru 9/09

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Naxxar

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri,

Qiegħed tiġi mitlub/a tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2025 fis-18:00.

Il-laqgħa se tkun imxandra *live* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill u se tkun qed tiġi rrekordjata biex tiġi mxandra b'mod *on demand*.

Importanti tkunu fil-ħin.

Paul Gatt

Segretarju Eżekuttiv

*Aqleb wara*

<u>AĠENDA</u>

<u>LAQGĦA TAL-KUNSILL Numru 9/9</u>

1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;
4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta’ rapporti finanzjarji:
   a. Skeda tal-pagamenti;
   b. Skeda ta’ dħul;
   c. Skeda ta’ ordnijiet;
   d. Infiq mill-Petty Cash;
   e. Xiri ta’ sistema ta’ monitoraġġ għall-kuntratturi;
6 Minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u l-Lmenti;
7 Applikazzjoni għal żvilupp – PA 64/25 (barriera ta’ Triq tal-Labour);
8 Skemi:
   a. Skema għall-Attivitajiet Kulturali 2025.2026;
   b. Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa 2025;
   c. Espressjoni ta Interess - Milied 2025;
9 Il-vann tal-Kunsill – niddisponu minnu;
10 Sejħa għall-offerti għas-servizzi ta’ handymen;
11 Xogħol addizzjonali fix-xogħol ta’ Masġar it-Tfal;
12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

IN-NAXXAR

19 ta' Frar 2025

**Mistoqsija lill-Kunsill 1/2025**

***Il-Kunsillier Pierre Sciberras jistaqsi lis-Sindku:***

1. Kemm kien hemm suġġerimenti/ilmenti li waslu għand l-uffiċċju tal-Kunsill u ġew diskussi mis-sotto kumitat suġġerimenti/ilmenti matul din il-leġislatura?
2. Min dawn is-suġġerimenti/ilmenti kemm kien hemm suġġerimenti/ilmenti mis-sotto kumitat suġġerimenti/ilmenti matul din il-leġislatura li ġew aċċettati mis-sotto kumitat suġġerimenti/ilmenti?
3. Minn dawk is-suġġerimenti/ilmenti li ġew aċċettati, x'inhu il-persentaġġ li l-kunsill esegwixxa?

***Tweġiba:***

1. Suġġerimenti/ilmenti li waslu għand l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u ġew diskussi mis-sotto kumitat suġġerimenti/ilmenti matul din il-leġislatura kien hemm 141.
2. Minn dawn, is-sottokumitat aċċetta 60. Ma' dawn irrid inżid ukoll 20 oħra li għalkemm ma ġewx aċċettati kif mitluba, s-sottokumitat fehem il-problema u offra soluzzjoni alternattiva (total ta' 80).
3. Għal risposta korretta, minn dawn it-80 irridu nnaqqsu 10 każijiet li qed jitressqu fid-9 laqgħat tal-Kunsill (illum) għall-approvazzjoni u għalhekk azzjoni dwarhom tibda minn wara din il-laqgħa. Għaldaqstant sal-ħin tar-risposta l-ammont li għandu jitqies għall-fini ta' din il-parti tal-mistoqsija huwa 70. Minn dawn is-70 l-amministrazzjoni għalqet kompletament 36 każ. 28 oħra l-amministrazzjoni qed tistenna risposti, konfermi u approvazzjoni minn entitajiet oħra filwaqt li 6 każijiet se jkunu qed jitressqu mill-ġdid għall-attenzjoni tas-sottokumitat minħabba żviluppi ġodda jew kjarifiki meħtieġa.

Minkejja li l-Kunsillier kien ċar fil-mistoqsija tiegħu, inħoss li għandi niċċara, għall-benefiċċju tar-residenti, li dawn l-ammont huma biss parti żgħira ħafna mit-talbiet, ilmenti u suġġerimenti li jidħlu fil-Kunsill. Dawn li semmejna huma biss dawk li jeħtieġu deċiżjoni formali mill-Kunsill filwaqt li l-kumplament, u l-maġġoranza li jaslu għand il-Kunsill ikunu indirizzati mill-amministrazzjoni bħala r-rutina tax-xogħol tagħhom.

**Kunsill Lokali: In-Naxxar** | **Seduta tal-Laqgha nr 9/09**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mis-16 ta' Jannar 2025 sat-12 ta' Frar 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €118.00 | €118.00 | T | PF | Review of planning applications - Jan 25 | 31/01/2025 | 4618 | n/a | n/a | 3190 |
| 2 | Advisory 21 | €413.00 | €413.00 | T | PF | DPO Services for Jan 2025 | 31/01/2025 | 2018-6823 | n/a | n/a | 3190 |
| 3 | Amazon | €264.77 | €264.77 | D | PF | Pixetool photo studio set for LC | 05/02/2025 | email 5/2/25 | 040/25 | 040/25 | 7310 |
| 4 | Michela Aquilina | €16.00 | €160.00 | NA | PF | Service of animator -Junior Science Club Jan 25 | 31/01/2025 | nr 4 | n/a | n/a | 3190 |
| 5 | Archway | €149.33 | €149.33 | K | PF | Ironmongery items as needed | 31/01/2025 | 41679 | 018/25 | 018/25 | 2210 |
| 6 | Archway | €92.31 | €92.31 | K | PF | Ironmongery items as needed | 31/01/2025 | 41681 | 27/25 | 27/25 | 2210 |
| 7 | Archway | €37.95 | €37.95 | K | PF | Ironmongery items as needed | 31/01/2025 | 41685 | 27/25 | 27/25 | 2210 |
| 8 | Arms | €20.84 | €20.84 | NA | PF | Bill for San Pawl tat-Targa (24.9-22.11.2024) | 17/01/2025 | 39776164 | n/a | n/a | 2130 |
| 9 | Assocjazzjoni Kunsilli Lokali | €510.00 | €510.00 | NA | PF | Personal Accident Policy 2025 (30*17) | 21/01/2025 | tkt86858 | n/a | n/a | 3030 |
| 10 | Jurgen Attard | €390.00 | €390.00 | K | PF | Football ground guardian Jan 2025 | 31/01/2025 | 3391 | n/a | n/a | 3191 |
| 11 | Audio Installations | €636.00 | €636.00 | K | PF | Light for Jum in-Naxxar 2024 | 08/02/2025 | 158 | 25/25 | 25/25 | 3360 |
| 12 | Avantmed Ltd | €1,292.10 | €1,292.10 | K | PF | 3d printed trophies and back drop for Jum in-Naxxar | 06/02/2025 | 358 | 042/25 | 042/25 | 3360 |
| 13 | Bank of Valletta | €15.00 | €15.00 | NA | PF | Purchase of night safe bags | 20/01/2025 | | n/a | n/a | 3035 |
| 14 | Bitmac | €50.00 | €50.00 | K | PF | 2 MX 300 Tixotropico Plus Rapid Grey x 25KG (Repair of gutters in Triq l-Oratorju) | 22/01/2025 | 163962 | .09/25 | .09/25 | 2311 |
| 15 | Bitmac | €48.14 | €48.14 | K | PF | Instant Road repair | 20/01/2025 | 163764 | 20/25 | 20/25 | 2311 |
| 16 | Bitmac | €32.10 | €32.10 | K | PF | Instant Road repair | 22/01/2025 | 164022 | 23/25 | 23/25 | 2311 |
| 17 | Bitmac | €80.24 | €80.24 | K | PF | Instant Road repair | 29/01/2025 | 164586 | 26/25 | 26/25 | 2311 |
| 18 | Bitmac | €64.19 | €64.19 | K | PF | Instant Road repair | 05/02/2025 | 165275 | 36/25 | 36/25 | 2311 |
| 19 | Briiz | €610.65 | €61.65 | K | PF | Cleaning of public conv Triq tal-Labour Jan 25 am | 31/01/2025 | 68818 | n/a | n/a | 3053 |
| 20 | Briiz | €814.20 | €814.20 | K | PF | Cleaning of public conv Triq tal-Labour Jan 25 pm | 31/01/2025 | 68821 | n/a | n/a | 3053 |
| 21 | Grace Camilleri | €255.84 | €255.84 | NA | PF | Librarian services for Jan 2025 | 31/01/2025 | | n/a | n/a | 2995 |
| 22 | Benjamin Cilia | €2,235.16 | €2,235.16 | T | PF | Handyman service for Jan 25 | 31/01/2025 | | n/a | n/a | 3125 |
| 23 | Benjamin Cilia | €51.18 | €51.18 | NA | PF | Paid sticker and juices as needed | 05/02/2025 | Spiral and convenience | n/a | n/a | 2670 |
| 24 | Datatrak IT Services | €7.61 | €7.61 | NA | PF | 1 pre-regional ticket paid in Jan 2025 | 31/01/2025 | 1015648 | n/a | n/a | 3610 |
| 25 | Digital Zone | €169.00 | €169.00 | K | PF | 10L Water Heater & Wall Heater | 10/01/2025 | 233630 | 006/25 | 006/25 | 7320 |
| 26 | EJ Mangion | €150.00 | €150.00 | K | PF | Cleaning of drain blockage of pixxaturi | 22/01/2025 | 30303 | 017/25 | 017/25 | 2370 |
| 27 | Epic | €60.26 | €60.26 | NA | PF | Bill for 79404014 for Feb 2025 and usage Jan 25 | 01/02/2025 | 14381806022025 | n/a | n/a | 2160 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

__________________
Dr Chris Deguara
Sindku

__________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

__________________
Proponent

__________________
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mis-16 ta' Jannar 2025 sat-12 ta' Frar 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 28 | Epic | €41.77 | €41.77 | NA | PF | Bill for 99370990 for Feb 2025 and usage Jan 25 | 01/02/2025 | 14381166022025 | n/a | n/a | 2160 |
| 29 | Event Planner Co Ltd | €755.20 | €755.20 | K | PF | Renting of 2 TVs for Jum in-Naxxar 2025 | 23/01/2025 | 3734 | 28/25 | 28/25 | 3360 |
| 30 | Galea Cleaning Solutions | €11,215.79 | €11,215.79 | T | PF | Street sweeping for Jan 2025 | 31/01/2025 | 330 | n/a | n/a | 3051 |
| 31 | Galea Cleaning Solutions | €1,062.00 | €1,062.00 | T | PF | Street sweeping for Jan 2025 - extra | 31/01/2025 | 329 | n/a | n/a | 3051 |
| 32 | Għaqda Mużikali Marija Bambina | €4,000.00 | €4,000.00 | NA | PF | Sponsorship għat-talent Żagħżugħ 2025-fondi ġejjin mir-Reġjun Tramuntana | 06/01/2025 | tkt86231 | n/a | n/a | 3380 |
| 33 | GO plc | €16.50 | €16.50 | NA | PF | Rental for 21416363 for Jan 25 | 02/01/2025 | 94663401 | n/a | n/a | 2160 |
| 34 | GO plc | €40.01 | €40.01 | NA | PF | Rental and usage for 21416341 Feb 25 | 01/02/2025 | 95087708 | n/a | n/a | 2160 |
| 35 | GO plc | €16.50 | €16.50 | NA | PF | Rental for 21416363 for Feb 25 | 01/02/2025 | 95087711 | n/a | n/a | 2160 |
| 36 | GO plc | €19.27 | €19.27 | NA | PF | Rental and usage for 21417224 Feb 25 | 01/02/2025 | 95087761 | n/a | n/a | 2160 |
| 37 | Greenpak | €147.50 | €147.50 | NA | PF | Monthly internet connection fee for 5 different locations-Jan 25 | 31/01/2025 | 38605 | n/a | n/a | 2160 |
| 38 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq l-Ifran | 21/01/2025 | g. 36641 | n/a | n/a | 4006 |
| 39 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Manwel Magri | 07/02/2025 | g. 39332 | n/a | n/a | 4006 |
| 40 | Image systems | €129.32 | €129.32 | NA | PF | Usage and rent billing for xerox Jan 25 | 31/01/2025 | 606566 | n/a | n/a | 2670 |
| 41 | Inland Revenue Dept | €5,950.36 | €5,950.36 | NA | PF | FSS & NI Jan 2025 | 29/01/2025 | | n/a | n/a | 1500 |
| 42 | Invicta | €1,800.00 | €1,800.00 | K | PF | 40 foldable chairs for Mithna | 28/01/2025 | 70007034 | 030/25 | 030/25 | 7605 |
| 43 | JC Trading | €311.52 | €311.52 | K | PF | 2 LED flood lights | 11/02/2025 | 20556 | 011/25 | 011/25 | 2360 |
| 44 | JC Trading | €311.52 | €311.52 | K | PF | 2 LED flood lights | 11/02/2025 | 20557 | 015/25 | 015/25 | 2360 |
| 45 | Lands Authority | €500.00 | €500.00 | NA | PF | Rent : Naxxar LC (Feb 25-Feb 26) | 03/02/2025 | 2099131 | n/a | n/a | 2400 |
| 46 | Lesa | €18.64 | €18.64 | NA | PF | 10% Administration Fee for Dec 2024 -tkts pd by Lesa | 09/01/2025 | 22-013140 | n/a | n/a | 3610 |
| 47 | Melita plc | €217.35 | €217.35 | D | PF | Internet service for different locations Jan 25 | 01/01/2025 | 118125374 | n/a | n/a | 2160 |
| 48 | Melita plc | €217.35 | €217.35 | D | PF | Internet service for different locations Feb 25 | 01/02/2025 | 118252099 | n/a | n/a | 2160 |
| 49 | Micamed | €523.33 | €523.33 | T | PF | W240 Triq il-Mahlug | 28/01/2025 | 13516 | n/a | n/a | 3065 |
| 50 | Micamed | €529.23 | €529.23 | T | PF | W246 Triq il-Bjad | 28/01/2025 | 13504 | n/a | n/a | 3065 |
| 51 | Micamed | €493.83 | €493.83 | T | PF | C018 Triq il-Kbira | 28/01/2025 | 13461 | n/a | n/a | 3065 |
| 52 | Micamed | €493.83 | €493.83 | T | PF | W411 Triq Dun Karm Scerri | 28/01/2025 | 13490 | n/a | n/a | 3065 |
| 53 | Micamed | €259.60 | €259.60 | T | PF | Removal of 2 lamps that were left temporary | 28/01/2025 | 13467 | n/a | n/a | 3065 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

________________
Dr Chris Deguara
Sindku

________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

________________
Proponent

________________
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mis-16 ta' Jannar 2025 sat-12 ta' Frar 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 54 | Micamed | €529.23 | €529.23 | T | PF | S377 Triq San Frangisk t'Assisi | 28/01/2025 | 13466 | n/a | n/a | 3065 |
| 55 | Micamed | €523.33 | €523.33 | T | PF | W361 Triq l-Egittu | 28/01/2025 | 13462 | n/a | n/a | 3065 |
| 56 | Micamed | €571.12 | €571.12 | T | PF | T004 Triq il-Musbieh | 28/01/2025 | 13528 | n/a | n/a | 3065 |
| 57 | Micamed | €539.26 | €539.26 | T | PF | T001 Triq in-Nafra | 28/01/2025 | 13525 | n/a | n/a | 3065 |
| 58 | Micamed | €634.84 | €634.84 | T | PF | W089 Triq San Publiju | 28/01/2025 | 13491 | n/a | n/a | 3065 |
| 59 | Micamed | €523.33 | €523.33 | T | PF | W147 Triq in-Nafra | 28/01/2025 | 13493 | n/a | n/a | 3065 |
| 60 | Micamed | €110.33 | €110.33 | T | PF | T002 Trejqet il-Palma | 24/01/2025 | 13424 | n/a | n/a | 3065 |
| 61 | Micamed | €129.80 | €129.80 | T | PF | W079 Triq il-Kappella tax-Xaghra | 24/01/2025 | 13367 | n/a | n/a | 3065 |
| 62 | Micamed | €139.24 | €139.24 | T | PF | Z026 Pjazza Toni Bajada | 24/01/2025 | 13379 | n/a | n/a | 3065 |
| 63 | Micamed | €110.33 | €110.33 | T | PF | T001 zebra cross Scotts | 24/01/2025 | 13457 | n/a | n/a | 3065 |
| 64 | Micamed | €110.33 | €110.33 | T | PF | W026 Triq it-Torri tal-Ghallis | 07/02/2025 | 13546 | n/a | n/a | 3065 |
| 65 | Micamed | €899.75 | €899.75 | T | PF | W021 Habel Zwejra | 07/02/2025 | 13558 | n/a | n/a | 3065 |
| 66 | Katia Milazzo | €600.00 | €600.00 | K | PF | Full Body Fitness Workout Classes from October till December, 2024 | 15/01/2025 | 11 | 193/24 | 193/24 | 3381 |
| 67 | Victor Mula | €2,031.96 | €2,031.96 | T | PF | Handyman service for Jan 25 | 31/01/2025 | | n/a | n/a | 3125 |
| 68 | Naxxar Lions | €300.00 | €300.00 | K | PF | Advert in calendar 2025 | 28/01/2025 | LC003 | 240/24 | 240/24 | 2940 |
| 69 | Pama Supermarket | €108.45 | €108.45 | K | PF | Cleaning and office supplies | 15/01/2025 | 232501156 | 012/25 | 012/25 | 2670 |
| 70 | Paramount | €407.10 | €407.10 | K | PF | Transport services for Dec 2024 | 31/01/2025 | 10014396 | 012/24 | 230/24 | 2720 |
| 71 | Peace Band Club | €4,000.00 | €4,000.00 | NA | PF | Sponsorship għal Una Notte Italiana 2025-fondi ġejjin mir-Reġjun Tramuntana | 30/01/2025 | PBC/003/2025 | n/a | n/a | 3380 |
| 72 | Projekte Global Ltd | €47,659.32 | €47,659.32 | T | PF | re NLC/06/2023: Preliminaries, earth works and const works at Masgar it-tfal - cert 01 | 21/01/2025 | INA12621 | n/a | n/a | 7606 |
| 73 | Projekte Global Ltd | €38,037.50 | €38,037.50 | T | PF | re NLC/06/2023: Playground equip and finish works at Masgar it-tfal - cert 02 | 21/01/2025 | INA12622 | n/a | n/a | 7606 |
| 74 | Refund | €32.00 | €32.00 | NA | PF | re IPS2024/89 and IPS2025/02 | 12/02/2025 | | n/a | n/a | 2660 |
| 75 | Regjun Tramuntana | €3,859.14 | €3,859.14 | NA | PF | Domestic Mixed waste collection for Dec 2024 | 28/01/2025 | 570C | n/a | n/a | 3041 |
| 76 | Regjun Tramuntana | €11,786.31 | €11,786.31 | NA | PF | Mixed waste and organic waste for Dec 2024 | 28/01/2025 | 570T | n/a | n/a | 3040 |
| 77 | Richie's Ironmongery | €109.80 | €109.80 | K | PF | 2 Terracotta 10 lts | 20/01/2025 | 14024AA | 019/25 | 019/25 | 2313 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

________________
Dr Chris Deguara
Sindku

________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

________________
Proponent

________________
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mis-16 ta' Jannar 2025 sat-12 ta' Frar 2025

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 78 | Richie's Ironmongery | €434.02 | €434.02 | K | PF | Paint & wood stain needed for Gnien l-Ewropa | 22/01/2025 | 14032AA | 022/25 | 022/25 | 2312 |
| 79 | Richie's Ironmongery | €39.25 | €39.25 | K | PF | PVC gulleys for Triq il-Germanja | 11/02/2025 | 14090AA | 043/25 | 043/25 | 2314 |
| 80 | S&R Handaq | €1,244.08 | €1,244.08 | K | PF | Road marking paint | 06/02/2025 | 104300 | 35/25 | 35/25 | 2312 |
| 81 | Simply Clean | €2,742.32 | €2,742.32 | T | PF | Bulky refuse service for Jan 2025 | 04/02/2025 | 529 | n/a | n/a | 3042 |
| 82 | Simply Clean | €91.10 | €91.10 | T | PF | Mithna tal-ghaqba cleaning for Jan 25 | 01/03/2025 | 550 | n/a | n/a | 3060 |
| 83 | Simply Clean | €955.33 | €955.33 | T | PF | Cleaning of LC offices for Jan 25 | 08/02/2025 | 546 | n/a | n/a | 3055 |
| 84 | Charlo Spiteri Magri | €262.67 | €262.67 | K | PF | 3 flags | 11/02/2025 | 11 | 087/24 | 087/24 | 2240 |
| 85 | Mark Taliana Gardening | €7,825.76 | €7,825.76 | T | PF | Gardening services for Jan 2025 | 31/01/2025 | 1853 | n/a | n/a | 3061 |
| 86 | Urban Furniture Malta | €292.64 | €292.64 | K | PF | Speed humps | 03/02/2025 | 2433 | 034/25 | 034/25 | 2313 |
| 87 | Urban Furniture Malta | €324.50 | €324.50 | K | PF | 3 traffic mirrors | 16/01/2025 | 2427 | 016/25 | 016/25 | 2313 |
| 88 | Wasteserv | €41.06 | €41.06 | NA | PF | Tipping fees for LC waste | 23/01/2025 | 117947 | n/a | n/a | 3040 |
| 89 | Anton Zarb | €2,492.16 | €2,492.16 | K | PF | 12 Dog Foul bins | 27/01/2025 | AZ 03-25 | 21/25 | 21/25 | 2316 |
| | | **€168,611.65** | **€168,206.65** | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

_______________
Dr Chris Deguara
Sindku

_______________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

_______________
Proponent

_______________
Sekondant

1 2025

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Income List for the month of January 2025**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| | Other Government Income | €287,220.08 |
| 0001 | Annual allocation from Government | |
| 0015 | Other Government Income | €16.00 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €2,300.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €2,380.00 |
| 0023 | Cultural Activities | |
| 0024 | Football ground hire | |
| 0025 | Skip Permit | €188.92 |
| 0026 | Crane Permit | €6,540.00 |
| 0027 | Kiosk Permit | €46.58 |
| 0028 | Outside Activity permit | €6.99 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €957.14 |
| 0031 | Hire of Council Hall | |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | |
| 0033 | #N/A | |
| 0036 | Contraventions | |
| 0067 | #N/A | €5.00 |
| 0110 | #N/A | |
| 0121 | Advertising | |
| 0125 | Trenching permits | €4.66 |
| 0200 | Debtors | |
| 4006 | Contractors guarantees | €460.00 |
| 4007 | Refunds to Council by individuals (such as for Gita, staff dinner etc) | |
| | **TOTAL** | **€300,125.37** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 57506 |
| | To | 57976 |

**List prepared by Charmaine Calleja** 01 February 2025

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Purchase Order list for the month of January 2025** **01/02/2025**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 03/01/2025 | 001/25 | Paramount Garage | Day Centre January Outing (15/1/2025) | 118.00 |
| 06/01/2025 | 002/25 | B. Grima & Sons Ltd. | Signs needed | 172.28 |
| 08/01/2025 | 003/25 | Romina Perici Ferrante | Accounting services for year 2025 | 5,890.56 |
| 08/01/2025 | 004/25 | Bitmac Works Ltd | 8 bags of Instant Road Repair Bags | 64.19 |
| 09/01/2025 | 005/25 | Calleja Ltd | Lights and fittings for Gnien l-Unjoni Ewropea | 674.02 |
| 09/01/2025 | 006/25 | Digitalzone Malta | 10L Water Heater & Wall Heater | 169.00 |
| 09/01/2025 | 007/25 | Bitmac Works Ltd | 8 bags of Instant Road Repair Bags | 64.19 |
| 09/01/2025 | 008/25 | Transmec Services Ltd | 4 hollow metal strips | 182.70 |
| 09/01/2025 | 009/25 | Bitmac Works Ltd | 2 MX 300 Tixotropico Plus Rapid Grey x 25KG (Repair of gutters in Triq l-Oratorju) | 50.00 |
| 13/01/2025 | 010/25 | B. Grima & Sons Ltd. | signs needed | 212.40 |
| 14/01/2025 | 011/25 | JC Trading | 2 blk flood light for Knisja San Pawl tat-Targa | 311.52 |
| | 012/25 | Pama Supermarket | Cleaning and office supplies | 109.26 |
| 15/01/2025 | 013/25 | Villa Arrigo Osborne Caterers | Location of award ceremony 7.2.2025-Gieh in Naxxar 2025 | 1,180.00 |
| 15/01/2025 | 014/25 | Brass House Unit | 5pc band for 7.2.2025-Gieh in-Naxxar 2025 | 1,900.00 |
| 15/01/2025 | 015/25 | JC Trading | 2 flood lights dawk li jaghtu fuq it-taraġ li jaghti lejn Triq l-Emigranti | 311.52 |
| 15/01/2025 | 016/25 | Urban Furniture Malta | Traffic mirrors needed | 324.50 |
| 16/01/2025 | 017/25 | EJ Mangion Liquid Waste Services | Unblocking of pixxaturi at public conv Labour Avenue | 150.00 |
| 16/01/2025 | 018/25 | Archway Ironmongery | Ironmongery items as needed | 150.44 |
| 17/01/2025 | 019/25 | Richie's Ironmongery | 2x10lts terrracotta | 109.72 |
| 20/01/2025 | 020/25 | Bitmac Works Ltd | instant road repair bags | 48.14 |
| 21/01/2025 | 021/25 | Anton Zarb | 12 Dog Foul bins | 2,492.16 |
| 22/01/2025 | 022/25 | Richie's Ironmongery | paint & wood stain needed for Gnien l-Ewropa | 434.02 |
| 22/01/2025 | 023/25 | Bitmac Works Ltd | instant road repair bags | 32.10 |
| 23/01/2025 | 024/25 | Heir & Loom | Farewell gift | 120.00 |
| 24/01/2025 | 025/25 | Audio Installations | Lighting for Jum in-Naxxar 2025 | 654.00 |
| | 026/25 | Bitmac Works Ltd | instant road repair bags | 80.24 |
| 27/01/2025 | 027/25 | Archway Ironmongery | Ironmongery items as needed | 136.95 |
| 27/01/2025 | 028/25 | Event Planner Co Ltd | Renting of 2 TVs for Jum in-Naxxar 2025 | 755.20 |
| 27/01/2024 | 029/25 | Brass House Unit | PA system for event of Jum in-Naxxar 2025 | 400.00 |
| 28/01/2025 | 030/25 | Invicta Ltd | 40 Polyfold Folding Chairs for Mithna | 1,800.00 |
| 30/01/2025 | 031/25 | Dolceria Appettitosa | Pastries for event at Mithna on 31.1.25 | 30.00 |
| 30/01/2025 | 032/25 | Albert Camilleri | Marketing and promotion - Gieh in-Naxxar + rebranding | |
| 30/01/2025 | 033/25 | The Sign Factory | Totem Signs 2025 | |
| 30/01/2025 | 034/25 | Urban Furniture Malta | speed hump | 273.76 |
| | | | | |

# Naxxar Local Council

**Petty Cash - January 2025**

| For 01/01/2025 through 22/01/2025 | | | Balance | €200.00 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| **Date** | **Supplier** | **Description** | **Amount Deposited** | **Amount Withdrawn** | **Reference** |
| | | Balance Brought Forward | €200.00 | | |
| | | | | | |
| 01/01/2025 | Maypole | Groceries | | €40.82 | 001/25 |
| 01/01/2025 | Maxims | Pizza/pastries | | €14.00 | 002/25 |
| 07/01/2025 | Calleja | Timer switch for BIC garden | | €12.90 | 003/25 |
| 09/01/2025 | MNW Engineering | Football pole repair | | €47.00 | 004/25 |
| 15/01/2025 | S&D Food Store | 1pkt sugar | | €2.25 | 005/25 |
| 16/01/2025 | Smart Supermarke | Coffee and sugar pkts | | €36.74 | 006/25 |
| 17/01/2025 | Maltapost | 45c stamps | | €22.50 | 007/25 |
| 22/01/2025 | Bitmac | Blackflex and brush for Triq tan-Najder | | €16.00 | 008/25 |
| | | Return to float | 192.21 | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | **Totals** | **€392.21** | **€192.21** | |

List created by Charmaine Calleja

|  |  |
|---|---|
| **Post:** | **Kunsill Lokali in-Naxxar** |
| **Data:** | **12 ta' Frar 2025** |
| **Ħin:** | **11.00am -12.10pm** |
| **Preżenti:** | **Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Marlon Brincat, il-Kunsillier Pierre Sciberras, Is-Segretarju Eżekuttiv u Yanika Borg, uffiċjal tal-Kunsill.** |

**Is-SE ressaq l-ilmenti/talbiet fuq il-formoli apposta u li kienu jinkludu ritratti u site plans skont il-każ.**

**Dawn li ġejjin huma l-ilmenti/talbiet imressqa li jinkludu d-deċiżjoni tas-sotto-kumitat:**

| ***Ref. No.*** | ***Tkt. No.*** | ***Deskrizzjoni tat-talba*** | ***Isem tat-triq*** | ***Rakkomandazzjoni tal-Kumitat*** |
|---|---|---|---|---|
| 13893 | | Talba ghal speed hump fi Triq Jules Verne kantuniera ma' E. Bradford ghaliex il-karozzi qed isuqu bi speed eccessiv | E. Bradford | Kienu ġew approvati erba' fl-aħħar laqgħa tal-kumitat. |
| 13901 | 85471 | talba ghall-speed hump fil-bidu ta' Triq Castro | Castro | Mhux approvata minħabba l-inkonvenjent li tohloq lir-residenti. |
| 13904 | 85577 | talba ghall-"security lighting" taht is-sigar ta' Triq Birguma | Birguma | Mhux approvata. Wieħed jista' jixgħal flood light privatatment. |
| 13906 | 84691 | jiġi diskuss l-ilment li daħlilna rigward tiġieġ selvagg li hemm go Triq Xatt il-Palm, Baħar iċ-Ċagħaq. allegatament qiegħed jagħmel l-istorbju u jqajjem lil xi residenti matul il-lejl/kmieni filgħodu. is-suggeriment li ircevejna kien li jitnehhew minn kuntrattur privat | Palm | Mhux fir-responsabbiltà tal-Kunsill, nitkellmu mal-animal welfare. |
| 13907 | 81431 | update ta' fuq il-kaz tal-pjanti ta' quddiem 5 Madonnina, Trejqet il-Huggiega. Ir-residenti gew mitluba biex inehhuhom pero irrifjutaw | Huggiega | |
| 13909 | | Talba biex isiru zewġ road humps fi Triq John Ayde peress li l-karozzi qegħdin jgħaddu b'veloċita għolja. | John Adye | Se jsir proġett mill-infrastructre Malta. Meta jkun lest, huwa ttamat li l-ispeed jonqos awtomatikament. |
| 13919 | 87003 | talba ghall-bank fuq il-bankina ta' Triq Santa Marija faccata ta' Triq Santa Fawstina Kowalska, fejn hemm is-sigar taz-zebbug | Santa Marija | Mhux approvata fid-dawl li ġejjin bankijiet fil-bandli l-ġdid u fid-dawl ukoll li l-bank jista' jkun perikoluż f'każ ta' inċident. |
| 13924 | 86550 | Ikun diskuss ir-rapport (hekk kif miltub mis-sottokumita) għal tibdili fis-sistema tan-No Entry fiż-żona. | Nutar Debono | Tintbgħat ittra lir-residenti biex issir laqgħa ta' konsultazzjoni. Tingħata informazzjoni dettaljata fl-ittra, deċiżjoni tittieħed waqt il-laqgħa mar-residenti. Triq in-Nutar Debono, Triq Luqa Briffa u Triq il-Buzjett. |
| 13928 | 82701 | tigi diskussa il-quote li ircevejna rigward tindif propost f'parti minn Sqaq Habel Zwejra | Habel Zwejra | Għalissa ma jista' jsir xejn minħabba xogħol tat-trenching. Jekk il-problema tibqa, tkun organizzata clean up mill-Kunsill is-Sibt filgħodu. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13933 | 87419 | Talba biex Triq Pietru Caxaro jsir One Way. Petizzjoni ffirmata mir-residenti ta' Triq Pietru Caxaro u Triq F.W Ryan annessa. | Pietru Caxaro | Issir konsultazzjoni bil-proposti li jew jitneħħa l-parkeġġ kollu jew issir one way. |
| 13941 | 87431 | talba biex jiġu installati crash barriers ġo Triq il-Vittmi tan-Nar Naxxarin faċċata ta' Triq John Adye. qegħdin jagħmlu ħsara fil-ħajt tal-għalqa | | Il-Kumitat ma qabilx li jsiru crash barries iżda jsir is-senjalar neċessarju b'mod li bilejl il-ġajt ikun iżjed viżibli. |
| 13949 | 87575 | Talba biex jigu installati speed bumps fi Triq l-Ingilterra specjalment fejn hemm id-dawra faccata ta' Triq Cipru. | Cipru | Mhux approvta minħabba li jkunu ta' inkonvenjent minħabba l-ħsejjes. |
| 13951 | 87630 | Talba mir-residenti ta' Triq Santa Lucija biex din it-triq issir 'parking zone' ghar-residenti biss, jew issir 'timed parking zone' b'eccezzjoni ghar-residenti tat-triq. Dan sabiex titnaqqas il-problema ta' nuqqas ta' parking li jaffaccjaw ir-residenti. | Santa Lucija | Ma tistax tkun approvata minħabba li mhux jinħarġu permessi minn TM għat timed parking. |
| 13952 | 87597 | Talba biex jitwahhal bollard quddiem il-bieb numru 76 fi Triq Santa Lucija. Dan ghaliex karozzi qed jipparkjaw b'mod li jostakolaw l-entratura tad-dar. Ritratti annessi. | Santa Lucija | Approvat wara li s-sottokumitat kellu l-evidenza tal-każ. |
| 13953 | 87603 | talba biex il-bollards tal-plastic li hemm go Triq Dun Gakominu Galea jimbidlu f'bollards tal-ħadid. Dan qed jintalab, minħabba li fil-present, minkejja li dawn il-bollards qed iservu ta' lqugħ tajjeb għall karozzi, mhux l-ewwel darba li jintawġu, (minħabba li jibqgħu deħlin bil-karozza), għall fuq il-bankina bil-biża li xi ħadd jaqa' fijhom | Dun Gakomino Galea | Mhux approvta fid-dawl li jista' jkun perikoluż. Problema tista' tissolva billi jduri il-parking imma jitnaqqas parkeġġ wieħed. Nistaqsu lil min qed jitlobhom dwar dan filwaqt li l-Viċi Sindku se jipprova jippjanta ż-żona aħjar bil-possibiltà li jkun massimizzat il-parkeġġ. |
| 13954 | 87564 | Talba biex jigu installati speed bumps fi Triq San Frangisk t'Assisi, Bahar ic-Caghaq peress li qieghed ikun hemm sewqan eċċessiv f'din it-triq u fil-madwar. | San Frangisk Ta' Assisi | Mhux approvati - inkonvenjent għar-residenti. |
| 13955 | 87564 | Talba biex jigu nstallati speed bumps fi Triq it-Truncieri, Baħar iċ-Ċaghaq peress li qieghed ikun hemm sewqan eċċessiv f'din it-triq u fil-madwar. | Truncieri | Mhux approvati - inkonvenjent għa-residenti. |
| 13959 | 87655 | Talba ghall-'Clean up after your dog' signs f'Bahar ic-Caghaq specjalment fi Triq A M Caruana u Triq il-Maghtab | Anton Manuel Caruana | Approvati. |
| 13962 | | Talba biex tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq Santa Fawstina Kowalska (jkun hemm access minn Triq Santa Marija). | Santa Fawstina Kowalska | Tibqa kif inhi - isiru linji fit-triq biex isiru kareġġjati etc biex ma tkunx ingumbrata waqt funeral. F'każ li jibqgħu jinsistu tinġabar petizzjoni mingħand ir-residenti kollha. |
| 13965 | | Talba mingħand l-avukat tar-residenta sabiex isir double yellow line quddiem garage nr 78 | Santa Lucija | Approvata. |